Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 170 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Sandro Vella

Illum 6 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Sandro Vella detenur tal-karta tal-identita Maltija 217679 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-27/10/2017 ghal habta ta`08:05am bil-vettura IBN 992 ġewwa TRIQ DUN KARM PSAILA, BIRKIRKARA

[1] Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnhu jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma jkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))

[2] Bhala sid ta` l-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jara li jkollha dejjem u f`kull zmien licenzja ta` cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Transport f`Malta. (L.S. 368.02 Artiklu 14 (3))

[3] Bhala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li tara li l-licenza kienet mwahhla man-naha tax-xellug tal-windscreen. (L.S. 368.02 Section 17 (2) (a))

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti irrizultalha li l-vettura hi registrata fuq l-akkuzat li ghandu diversi vetturi ohra u din il-vettura intuzat minn impjegat tieghu fejn l-akkuzat stqarr li ma kienx jaf li kienet qed tintuza.

Il-Qorti osservat li huwa l-obbligu fuq min ihaddem li jassikura li l-affarijiet kollha ad operati mill-impjegati tieghu ikunu in linja mal-Ligi u huwa obbligu tieghu li l-vann kellu jkun licenzjat u assikurat.

Peress illi għalhekk l-akkużi kif imressqa irriżultaw ippruvati. Sabet lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u;

Immultatu multa ta' €2500.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Mejju 2018, b' dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor. Ghal din id-darba biss il-licenzja mhux sospiza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sandro Vella, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 t' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tvarja s-sentenza s-sentenza appellata datata 27 ta' Marzu 2017, mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, b' dan illi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-akkuza numru tnejn (2) u akkuza numru tlieta (3), filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel

akkuza u tilliberah minnha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti: -
Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

Illi l-kumpanija St Catherine' s Caterers ta' liema kumpanija l-appellant huwa Direttur, ghandha diversi vetturi, liema vetturi jintuzaw ghal diversi skopijiet inkluz li jitqassam xoghol fil-hwienet. Dan il-vetturi huma kollha l-istess, hlief naturalment, ghan-numru tar-registrazzjoni.

Illi l-appellant jaghti struzzjonijiet sabiex filghodu jitqassam ix-xoghol, izda qatt ma ta' struzzjonijiet biex tintuza l-imsemmija vettura u cioe Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IBN 992. Din il-vettura ma kienetx qieghda tintuza fiz-zmien in kwistjoni minhabba li kellhom isirulha xogohlijiet, kif spjega l-appellant waqt ix-xiehda tieghu. Huwa spjega wkoll li kien ta' struzzjonijiet sabiex tali vettura tiddahhal l-ewwel wahda fil-garage biex il-vetturi l-ohra kollha jidhlu warajha u din kellha tibqa' fil-garage waqt li jsirulha x-xoghlijiet. Dan kien ikkorroborat bix-xiehda li ta' John Grima, l-impjegat ta' l-appellant.

Illi ghalhekk, bhala l-persuna responsabbli, l-appellant wera d-diligenza mistennija minnu.

Illi kif inghad ukoll waqt ix-xhieda mghotija, din il-vettura kienet mghobbija bix-xoghol u harget bix-xoghol *ad insaputa* ta' l-appellant.

Illi l-appellant qatt ma kellu l-intenzjoni li jwettaq ir-reat ai termini ta' l-artiklu 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif kien ippruvat, u ghalhekk, qatt ma kellha tinstab htija.

Illi rigward iz-zewg akkuzi l-ohra, u cioe akkuza numru 2 u akkuza numru 3, liema akkuzi huma ta' natura kontravvenzjonali, huwa minnu li il-licenzja ma kienetx imhalsa u mwahla man-naha tax-xellug tal-windscreen tal-vettura in kwisjtoni.

Illi l-appellant m' huwiex qieghed jappella mill-patti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat ghall-akkuzi numru 2 u 3 u dan ghaliex ghalkemm din il-vettura kienet f' garaxx u ma kienetx qieghda tintuza, huwa naqas milli jinforma bil-miktub lill-Awtorita' hekk kif rikjest fl-artiklu 14 (3) tal-LS 368.02.

Illi pero' dan il-fatt li ma kienx hemm licenzja imwahla fuq in-naha tax-xellug tal-windscreen kien kemm din il-vettura ma kellhiex tintuza. L-impjegat, bhala l-persuna li kienet ser issuq il-vettura, kellu jara li kollox kien kif suppost qabel ma jsuq l-imsemmija vettura; haga li m' ghamilx. Fil-fatt, l-impjegat instab hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Dan il-fatt juri wkoll kemm l-appellant ha l-prekawzjonijiet biex juri li din il-vettura ma kellhiex tintuza ghaliex ra li l-licenzja skaduta titnehha minn mal-windscreen.

Rat illi l-Avukat Generai fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2018 eccepixxa in-nulilta tar-rikors ta' l-appell peress li r- referenza ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rikros tal-appell tieghu hija differenti bhala data minn dik li effettivament inghatat u dan fil-fehma tieghu skond kif rikjesta fl-artikolu 419 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jitttrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2018 u talbu lil din l-Qorit tghati sentenza dwar dak eccepiet mill-Avukat Generali u cioe' jekk l-appell ta' Sandro Vella huwiex null jew le.

Rat is-sentenza esebita mid-difiza u cioe' dik moghtija minn din il-Qorti diverament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jospeh Cini</u>**[1] pero' bir-rispett kollu ma tapplikax ghal-kaz in desamina u dan ghaliex l-artikolu 419 tal-Kap 9 mid-data tas-sentenza li

[1] Deciza nhar it-23 ta' April 1992

giet esebita sa illum gie emendat tett darbiet b'Att XXIV tas-sena 1995 (punt 362), b'Att III tas-sena 2002 (punt 94) u l-ahhar darba b'Att I tas-sena 2018 (punt 22).

Din is-sentenza inghatat meta l-artikolu 419 tal-Kap 9 kien jipprovdi is-segwenti:-

L-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, **taht piena ta' nullita`** (emfasi ta' din il-Qorti) -

(a) il-fatti fil-qosor;

(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;

(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti dejjem kienet fis-sens li giet dikjarata n-nullita` ta' appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament.

Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta' appell ikun null. U dik n-nullita` kienet anki sollevabbli ex officio mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku[2].

Kif inhu risaput din il-Qorti kient dejjem tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghallfinijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** [3], **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**[4], u **Il-Pulizija v. George Galea**[5].

Illum pero l-artikolu 419 tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

419.(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih,

(a) il-fatti fil-qosor;

[2] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 27 ta' Novembru 2008; Il-Pulizija v. Lewis Muscat, 31 ta' Awissu 2006 ; Il-Pulizija v. Mario Camilleri, 3 ta' Dicembru 2001; Il-Pulizija v. Joe Borg, 21 ta' Lulju 1995

[3] App. Krim. 30 ta' April ,1990

[4] App. Krim. 14 ta' Settembru ,/2007

[5] App. Krim. 15 ta' Frar /2008

(b) ir-raġunijiet tal-appell;

(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il-kliem that ' **piena ta' nullita'** gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.

Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu

(1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob.

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni dwar is-sejbien ta' htija ghar-rigward id dikjarzzjoni tahtija fir rigward l-ewwwel akkuza.

Illi l-avukat difensur kellha issemmi is-sentenza bhala jum , xahar u sena u possibilment bl-isem sabiex ikun in sintezi ma dak li jiddisponi is -sub inciz ( c) tal artikolu 419.

Illi n-nuqqas tal-appellant ghalkemm jidher li huwa ta' portata zghira ghaliaex kellu zball fl-annu tas-sentenza u halla barra isem is-sentenza kien jammonta ghan nullita li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, u tali rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici.

Illi ghalhekk in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 419 (1) ( c) l-Qorti qieghda tidderigi lill-avukat difensur tal-appellant sabiex tipprezenta rikors fejn jitlob li tghamel korrezzjoni fir-rkors tal-appell fis-sens li kul fejn issemmi is-sentenza tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Marzu 2017 jitlob li jizdiedu l-kliem fl-ismijiet **il-Pulizija vs Sandro Vella** u in oltre jitlob li s-sena 2017 tigi kancellata u sostiwita bis-sena 2018.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali qed tigi rigettata u tiddiferixxi l-kawza sabiex l-appellant jidderigi ruhu fid-dawl tal-provediment ta' illum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur